MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Mandat Numru. 661/2012/1

**Eddie Vella (karta ta' l-identita` numru 27867 (G)), Maria Isabella Vella nee Gauci (karta ta' l-identita` numru 266873 (M)), Charles Cutajar (karta ta' l-identita` numru 414969 (M)), Joseph Cutajar (karta ta' l-identita` numru 183468 (M)) u Margaret Catania (karta ta' l-identita` numru 94385 (M))**

**vs**

**Anthony Grima (karta ta' l-identita` numru 464664 (M))**
**u**
**Esther Grima (karta ta' l-identita` numru 493464 (M))**

Il-Qorti,

Rat il-mandat de quo datat l-14 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati nfurmaw lill-qorti li permezz ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond minnhom indikat fir-rikors promotur li kienu qed isiru mill-intimati minghajr il-

kunsens taghhom, dawn kienu ser jippregudikaw irrimedjabbilment d-drittijiet tal-istess rikorrenti billi jimpedixxu lir-rikorrenti mill-access ghal bejt u jbiddlu l-uzu tal-istess;

Rat id-digriet taghha datat l-14 ta’ Mejju, 2012, fejn laqghet provizorjament il-mandat de quo;

Rat ir-rikors datat is-17 ta’ Mejju, 2012, u d-digriet konsegwenzjali taghha datat it-22 ta’ Mejju, 2012;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-24 ta’ Mejju, 2012;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi ppernjata fuq l-artikolu 873 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi sintetikament, dan jindirizza s-segwenti:

1. Illi jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghal min qed jitlob il-hrug tal-mandat de quo;

2. Illi dan il-mandat jinhareg jekk qorti hi konvinta li l-mandat ikun mehtieg:

i. biex jipprotegi d-drittijiet tar-rikorrenti;

ii. “prima facie” jidher li r-rikorrenti ghandu d-drittijiet mitluba;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti esposti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimati, minghajr il-permess tar-rikorrenti bdew xoghlijiet ta’ kostruzzjoni fuq il-bejt tal-

blokk t'appartamenti, "Erika Apartments" *penthouse* indikata fir-rikors promotur;

2. Illi r-rikorrenti ghandhom d-dritt ta' l-uzu tal-entrata, tarag, tromba u bejt in komun, kemm bejniethom, kif ukoll mal-intimati;

3. Illi x-xoghol tal-*penthouse* mibdi mill-intimati kien ha jimmina kemm l-estenzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti fil-postijiet indikati fil-paragrafu precedenti, kif ukoll l-effettivita` tal-istess drittijiet – u dan, b'mod irrimedjabbli u irriversibbli;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mir-rezokont fuq sintetikament espost li jekk l-intimati jippersistu bix-xoghlijiet de quo, d-drittijiet tar-rikorrenti jkunu pregudikati irrimedjabbilment;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tohrog il-mandat t'inibizzjoni mitlub mir-rikorrenti b'mod permanenti fil-konfront tal-intimati;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------